# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH
## B.A., LL.D., M. Jur. (Eur Law), Dip. Trib. Eccles. Melit.

**Rikors Numru 2/2021 SG**

**Gabriele Lawrence**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Illum l-Erbgħa, 31 ta' Mejju 2023**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Lawrence Gabriele ppreżentat fid-19 ta' Jannar 2021 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi r-rikorrenti Lawrence Gabriele talab lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex tinhariglu licenzja ta' Gwardjan Privat;*

*Illi permezz ta' ittra datat 7 ta' Jannar 2021 l-intimat Kummissarju tal-Pulizija informa lir-rikorrenti li l-applikazzjoni tieghu kienet qed tigi rifjutata fl-interess pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 10 (b) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Ufficcjali tal-Kommunita (Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta); (kopa ta' din l-ittra qed tigi annessa bhala Dokument A)*

*Illi l-Kummissarju tal-Pulizija ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-fatt li kien hemm sentenza mogħtija fit- 28 ta' Frar 2019, fil-konfront tar-rikorrenti;*

*Illi f' dan il-każ r-rikorrenti kien iddefenda propjeta' tiegħu meta sab żewġ persuni li kienu qed jisirquh ġewwa daru stess;*

*Illi din l-applikazzjoni tar-rikorrenti ma kellhiex tiġi rifjutata u r-rifjut qed iwassal biex r-rikorrenti ma jistax jaħdem f' xogħol relatat ma' dak li dejjem ħadem b' tant dedikazzjoni;*

*Għaldaqstant r-rikorrenti, ai termini tal-Artiklu 11(3) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta qed jressaq dan ir-rikors u jitlob umilment illi dan l-Onorabbli Tribunal jirrevoka d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li ma joħroġx liċenzja ta' Gwardjan Privat lir-rikorrenti Lawrence Gabriele."*

Ra r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija ppreżentata fis-26 ta' Frar 2021 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi qabel xejn, u għall-kull bon fini, l-Avukat tal-Istat għadu mhuwiex notifikat ai termini tal-artikolu 181B(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi l-esponent jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid- dritt u dan għaliex għall-kuntrarju ta' dak li qed jingħad mir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li jirrifjuta l-applikazzjoni għall- liċenzja ta gwardjan privat abbażi tal-Artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal- Liġijiet ta' Malta, kif se jkun muri u spjegat aħjar fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża;*

3. *Illi l-esponent jirrileva li fid-dawl ta' bosta kunsiderazzjonijiet magħmula, fosthom ir-reat kommess mir-rikorrent elenkat fil-fedina penali hawn annessa u mmarkata bħala 'DOK COP', ma setax jilqa' applikazzjoni, u dan skont il- kunsiderazzjonijiet li għamel ai termini tal-artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal- Liġijiet ta' Malta. L-esponent huwa tal-umli fehma li r-rikorrent għandu jkun persuna ta' eżempju f'xogħolu u mhux jaġixxi b'atti li suppost qed jipprevjeni hu stess f'każ li jingħata l-liċenzja ta' gwardjan privat. Illi meta wieħed jikkunsidra li r-reat twettaq proprju f'perjodu li r-rikorrent kien jokkupa kariga fil-Korp, l-esponent ma jħossx li r-rikorrent huwa persuna idonea sabiex jagħmel ix-xogħol ta' gwardjan privat. Huwa għalhekk raġjonevoli li l- Kummissarju tal-Pulizija wasal għal din id-deċiżjoni li jirrifjuta l-applikazzjoni;*

4. *Illi l-esponent jagħmel referenza għal sentenza li fiha dan l-Onorabbli Tribunal kif diversament presedut apprezza r-rwol li għandu l-Kummissarju fil-ħruġ ta tali liċenzji, u cioe` illi sabiex jasal għad-deċiżjoni, irid jibbilanċja l-interess tal- applikant li jkollu liċenzja, mal-interess tal-pubbliku in generali illi individwi li jiġu vestiti bil-kariga ta` gwardjan privat jew gwardjan lokali, ikunu individwi ta' karattru affidabbli u sod biex b'hekk ikunu jistgħu jaqdu d-dmirijiet tagħhom b'responsabilità. Ir-rikorrent irid jirrikonoxxi li l-liċenzja li applika għaliha ġġorr magħha ċertu piż u responsabilità. Dan peress illi*

*min ikun fil- pussess ta` tali licenzja jiġi vestit b'kariga pubblika u jkollu poteri simili għal dawk ta` uffiċċjal tal-Pulizija, u għalhekk, l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni trid tkun waħda eżawrenti kemm jista' jkun. F'din is-sentenza, fl-ismijiet David* **Vincenti** *vs Kummissarju tal-***Pulizija***, deċiża fl-4 ta' April 2013 (Rik Nru 275/2011), dan l-Onorabbli Tribunal kif diversament presedut għamel is-segwenti osservazzjonijiet:*

> *It-Tribunal jibda biex josserva li ghalkemm ai termini ta' l-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta` Malta dikjarazzjoni ta` htija ghal reat li dwaru ssir Ordni ta` Probation ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta` htija ghal ebda fini li jkun, ma jfissirx li r-reat in kwistjoni u l-fatturi li wasslu ghat-twettiq ta' dak ir-reat ma ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-fini li jigi determinat jekk huwhiex o meno fl- interess pubbliku li persuna tinghata licenza ta' Gwardjan Privat. Ghalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija gustament ha dawn il-fatturi in konsiderazzjoni hu u jikkonsidra t-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta` licenza ta' Gwardjan Privat......*
>
> *B'hekk ghalkemm ir-rikorrent certament ma huwhiex ta' xi minacca ghas-socjeta, u dana partikolarment f'sens kriminali - it-Tribunal ma jqisx li kemm-il darba l-istess rikorrent kellu jinghata licenza ta' Gwardjan Privat dan ikun ta' gid ghalih u għas-socjeta. Konsegwentement ghalhekk ma huwhiex fl-interess pubbliku* **li** *tinhareg licenza ta' Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent.*[1]

5. *Illi għalhekk, jidher car illi t-Tribunal ukoll qiegħed jinterpreta l-interess pubbliku bħala bażi ta` rifjut f'sens aktar wiesgħa, u cioe' mhux biss b'rabta ma' xi biża' illi l-applikant jista' jkun ta' xi periklu pubbliku f'sens kriminali. Kien għalhekk gust u raġjonevoli l-Kummissarju tal-Pulizija li fiċ-ċirkostanzi fattwali ta' dan il-każ uża d-diskrezzjoni mogħtija lilu bil-liġi u għażel illi jirrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti esebiti mill-partijiet;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

---

[1] Enfażi miżjud mill-esponenti.

**IKKUNSIDRA:**

Illi r-rikorrenti ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat ittimbrata 7 ta' Jannar 2021 li rrifjuta l-applikazzjoni tiegħu għall-ħruġ ta' liċenzja ta' gwardjan privat. Ir-raġuni mogħtija mill-istess Kummissarju kienet li l-applikazzjoni qed tiġi rifjutata fl-interess pubbliku u dan ai termini ta' l-artikolu 10(b) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Ġie mniżżel ukoll li dan qed iseħħ wara li ġiet ikkunsidrata sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar 2018 fil-konfront tar-rikorrenti mill-Qorti tal-Appell Ġudikatura Kriminali liema sentenza hija definitiva u ma tistax tiġi mibdula fejn ir-rikorrenti nstab ħati li kkawża ġrieħi ħfief b' arma regolari u/jew inkella bi strument li jaqta' jew inniggeż waqt li kien uffiċċjal pubbliku jew impjegat pubbliku.

Da parti tiegħu, ir-rikorrenti sostna li fil-każ deċiż fit-28 ta' Frar 2018 huwa kien qed jiddefendi l-proprjeta' tiegħu meta sab żewġ persuni li kienu qed jisirquh ġewwa daru stess.

**Ikkunsidra:**

Qabel xejn, dan it-Tribunal sejjer iqis l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat.

Għalkemm din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata hekk kif jirriżulta mill-verbal tas-7 ta' Mejju 2021 stante li Dr Anthony Borg għall-Avukat tal-Istat ta ruħu b' notifikat għal kull buon fini, dan it-Tribunal jagħmel referenza għal dak li qal dan l-istess Tribunal hekk kif diverament ippresedut fl-14 ta' Lulju 2022 fir-Rikors Numru 101/2021 fl-ismijiet Shilo Curmi vs Il-Kummissarju tal-Pulizija:

*"Illi t-Tribunal se jibda biex jissorvola l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat, u cioe` illi l-Avukat tal-Istat ma ġiex notifikat bir-rikors promutur.*

*Kif diġa' kellu l-okkażjoni jgħid f'diversi sentenzi, it-Tribunal hu tal-fehma li fi proċeduri istitwiti quddiemu, li huma proċeduri partikolari u ta' natura ben speċifika in kwantu intiżi u diretti għar-reviżjoni ta' atti amministrattivi, ma hemmx il-ħtieġa tan-notifika tar-Rikors promotur lill-Avukat tal-Istat oltre nnotifika ta' l-Awtorita` appellata, u dana stante li tali notifika la hija meħtieġa ai termini ta' l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, li hija l-Liġi li tirregola l-proċedura quddiem it-Tribunal, u lanqas ma hija meħtieġa mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, li hija l-Liġi partikolari applikabbli fil-każ in eżami. Ai termini ta' l-Artikolu 15(3) talKapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikors li jiġi ppreżentat quddiem it-Tribunal għandu jiġi notifikat lill-amministrazzjoni mhux iktar tard minn ħamest ijiem utili mid-data tal-preżentata. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3 fejn għandhom x'jaqsmu ma' l-ispeditezza tal-proċeduri għandhom jiġu osservati fil-każ tarrisposta. Għalkemm ai termini tad-disposizzjoni ġenerali kontenuta fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, senjatament l-Artikolu 181B, kull rikors, ġuramentat jew le, jew att ġudizzjarju ieħor*

*magħmul kontra l-Gvern għandu jiġi notifikat lil kull kap ta' dipartiment tal-gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lillAvukat tal-Istat, id-disposizzjonijiet speċjali relattivi għall-Liġi Amministrattiva, ossia l-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, u fil-każ in eżami l-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jesiġux tali notifika lill-Avukat tal-Istat ukoll. Għal kull buon fini jiġi osservat li ai termini ta' l-imsemmi Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-effett tan-nuqqas tan-notifika tar-Rikors promotur lill-Avukat tal-Istat hu li ma jibdiex jiddekorri t-terminu għar-Risposta ta' l-intimat, fil-każ in eżami terminu ta' għoxrin ġurnata. Jirriżulta illi fil-każ in eżami, l-Kummissarju intimat ippreżenta r-risposta tiegħu fit-terminu. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda."*

Meta jiġi biex jevalwa l-mertu ta' dan l-appell, dan it-Tribunal jagħmel referenza għas-segwenti ġurisprudenza:

Issir referenza għal dak li qal dan it-tribunal hekk kif diversament ippresedut fis-17 ta' Ottubru, 2022 Rikors Numru 66/2021 fl-ismijiet Anna Maria Buttigieg vs Kummissarju tal-Pulizija fejn sottolinjat:

*"Illi artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita`) jgħid is-segwenti:-*

*"Il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċċirkostanzi li ġejjin:*

*(b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza;"*

*Illi l-Kummissarju intimat ibbaża r-rifjut tiegħu fuq tliet (3) sentenzi li ġew ippronunzjati fil-konfront tar-rikorrent f'perjodu bejn l-2008 u l-2019. Il-Qorti tosserva illi filwaqt li fl-2008 ir-rikorrenti kellha tmintax-il sena, fl-2015 (u ċioe` meta wettqet ir-reat li għalih instabet ħatja fl-2019) hija kellha ħamsa u għoxrin (25) sena. Mix-xhieda tal-Ispettur Sarah Magri jirriżulta li kien proprju dan l-aħħar każ li xaqleb il-miżien favur ir-rifjut talapplikazzjoni tar-rikorrenti u dan għaliex kien jirrigwarda reat ta' attivitajiet sesswali ma' minorenni ta' ħmistax (15)-il sena.*

*Illi mir-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation toħroġ stampa pjuttost imwegħra tas-sitwazzjoni tar-rikorrenti, anke jekk fil-"maġġoranza hija kkoperat mal-Ordni u ħadmet fuq il-problemi tagħha."*
*Madanakollu t-Tribunal josserva illi l-Ordni ta' Probation intemmet fl-2014 u l-Uffiċjal tal-Probation kienet qed tirrelata għal dan il-perjodu. It-Tribunal ftit li xejn ġie mgħarraf x'sar mir-rikorrenti bejn l-2014 u llum għajr li r-rikorrent tgħid li qed issibha diffiċli biex issib xogħol.*

*Illi filwaqt li t-Tribunal jifhem illi huwa ferm importanti għar-rikorrenti li jkollha impjieg fiss biex timxi 'l quddiem, madanakollu jrid ukoll iqis jekk minn dak kollu li ġie prodott quddiemu jistax serenement jikkonkludi li l-Kummissarju intimat ma kienx raġjonevoli fid-deċiżjoni tiegħu. Biex jasal biex jagħmel hekk, it-Tribunal irid ikollu moħħu mistrieħ li jista' jafda lirrikorrenti fil-qadi tad-dmirijiet ta' gwardjan privat. Illi kif ġia ingħad kemmil darba f'sentenzi dwar rifjut ta' liċenzji ta' gwardjani privati, ħafna drabi*

*huwa neċessarju li l-Kummissarju ma jieqafx biss b'ħarsa lejn il-fedina penali, speċjalment meta r-reati kommessi ikunu seħħew snin ferm qabel.*

*Madanakollu, fil-każ preżenti, it-Tribunal iħoss li ma jistax ikollu moħħu mistrieħ li bl-għoti tal-liċenzja lir-rikorrenti l-interess pubbliku se jkun qiegħed jiġi salvagwardjat u dan mhux tant għaliex ikkommettiet ir-reati li ssemmew iktar 'il fuq, iżda minħabba l-fatt li r-rikorrenti bl-ebda mod ma uriet lil dan it-Tribunal kif ħadmet fuqha nnifisha biex tkun tista' tiġi fdata b'liċenzja oneruża bħal dik ta' gwardjan privat. Dan it-Tribunal bl-ebda mod ma ġie konvint illi dak li sfortunatament għaddiet minnu r-rikorrenti u r-reati kommessi minnha mhux ta' ostakolu għall-mod kif hija tista' taġixxi fil-qadi ta' dmirijietha. Kif dan it-Tribunal kellu okkażjoni jesprimi ruħu f'sentenzi oħra, l-awto ċertifikazzjoni mhix biżżejjed biex jikkonvinċi ruħu li persuna li fil-passat kellha problemi partikolari illum il-ġurnata tista' tiġi fdata bil-qadi tal-funzjonijiet ta' gwardjan privat. It-Tribunal jirrileva illi reċentement kellu l-okkażjoni fejn irrevoka deċiżjonijet tal-Kummissarju intimat meta dan irrifjuta applikazzjoni ta' gwardjan privat abbażi ta' l-interess pubbliku nonostante li r-reati kommessi mill-applikanti kienu simili jew tal-istess gravita` għal dawk tar-rikorrenti.*

*Pero` f'dawk il-każijiet, dan it-Tribunal ġie konvint permezz tal-provi prodotti mir-rikorrenti illi huma għamlu ħilithom biex jinqalgħu mill-ħajja mħarbta li kienu qed jgħixu u llum il-ġurnata mxew 'il quddiem b'ħajjithom. Rinfaċċjat b'dawn il-provi t-Tribunal kien tal-opinjoni li ladarba l-applikanti kienu ħadmu fuqhom infushom, il-passat tagħhom ma kellux jimpedihom milli jingħataw din illiċenzja. Kif dejjem qal dan it-Tribunal imbagħad sta għalihom jibqgħu mexjin dritt u fis-sewwa sabiex jibżgħu għal-liċenzja li jingħataw.*

*Illi għalhekk, filwaqt li ma jirriżultax illi mill-2015 'l hawn ir-rikorrenti daħlet f'xi nkwiet ieħor, min-naħa l-oħra dan it-Tribunal m'għandux provi biżżejjed li r-rikorrenti ħadmet fuq il-problemi li kellha u li allura dan itTribunal jista' serenement jafdaha bil-liċenzja in kwistjoni.*

*Illi t-Tribunal jifhem ir-responsabbilita` kbira li l-Kummissarju intimat għandu fil-ħruġ ta' liċenzja ta' gwardjan privat meta wieħed iqis in-natura tad-dmirijiet tal-istess gwardjani, u għalkemm f'dan il-każ se jkun qiegħed jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu iqis li hemm lok li l-istess Kummissarju jidħol iktar fil-fond qabel ma jasal għad-deċiżjoni tiegħu. Kif diġa' ntqal iktar 'il fuq, filwaqt li dan it-Tribunal jirrikonoxxi illi persuna tista' tiżbalja, tagħraf l-iżball tagħha u timxi 'l quddiem, u allura għandha kemm jista' jkun tiġi mgħejjuna u ppremjata għall-isforzi ġenwini tagħha, fil-każ in eżami rrikorrenti ma pprovdiet l-ebda prova pożittiva li ħadmet fuq il-problemi li kellha.*

*Illi għalhekk, għalkemm dan it-Tribunal se jkun qiegħed jikkonferma ddeċiżjoni tal-Kummissarju intimat, huwa tal-fehma li meta l-Kummissarju intimat jiġi biex jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu fejn tidħol il-kwistjoni ta' interess pubbliku, għandu jieħu stampa iktar wiesgħa tal-applikant minn dik li turi l-fedina penali, u dan speċjalment fil-każ fejn is-sentenzi mogħtija fil-konfront tal-applikant ma jkunux daqstant riċenti. Dan l-eżerċizzju jgħin biex il-Kummissarju intimat, qabel jasal għad-deċiżjoni tiegħu, ikollu kwadru komplut dwar xi żviluppi setgħu saru da parti tal-applikant biex jirriforma ruħu."*

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet Clint Scicluna vs Il-Kummissarju tal-Pulizija mogħtija mit-Tribunal hekk kif diversament ippresedut fis-17 ta' Ottubru, 2022 Rikors Numru 35/2021 intqal:

*"Illi t-Tribunal se jgħaddi issa biex jinvesti t-tieni bażi tar-rifjut, u ċioe`, dak skont artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi skont dan l-artikolu, il-Kummissarju intimat għandu jirrifjuta li jagħti liċenzja jekk jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jagħmel hekk. Hawnhekk il-Kummissarju, a differenza ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, għandu diskrezzjoni iktar wiesgħa, fejn meta jiġi biex jeżerċitaha irid iżomm bilanċ bejn l-interess tas-soċjeta` in ġenerali u d-dritt talapplikant li jottjeni l-liċenzja de quo. Illi t-Tribunal jaqbel illi persuna m'għandhiex tibqa' ittimbrata għal ħajjitha kollha bi żball li kienet għamlet fil-passat, pero` biex dan isir irid jintwera effettivament illi l-persuna bidlet ir-rotta ta' ħajjitha.*

*Illi r-rikorrent xehed illi preżentement huwa għandu impjieg stabbli u li anke jieħu ħsieb il-bar ta' każin tal-banda ġewwa l-lokalita` tal-Ħamrun. Illi ċertament din l-aħħar imsemmija attivita` tlaqqa' lir-rikorrenti ma' kull ġeneru ta' nies u ma kull tip ta' sitwazzjoni. Minn dak li jirriżulta mill-fedina penali jirriżulta li, pero`, wara l-2007 ir-rikorrent ma kellu ebda tip ta' nkwiet ieħor mal-Pulizija. Illi dan it-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Renald Attard vs Kummissarju tal-Pulizija, deċiża fil-31 ta' Ottubru 2016 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fejn intqal is-segwenti:*

*"Fil-fehma tal-qorti l-appellant ma kienx korrett meta bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq is-sempliċi fatt li kien hemm tliet sentenzi li ngħataw kontra l-appellat relatati ma' pussess ta' droga u ħsara fi proprjetà. L-eżerċizzju li kellu jagħmel kien imur oltre. L-appellant kellu jqis ċirkostanzi oħra li kienu rilevanti u mhux jibbaża ddeċiżjoni fuq fatt wieħed. Hekk biss seta' jasal għal deċiżjoni korretta li ma kienx fl-interess pubbliku li l-appellant jingħata liċenza ta' gwardjan privat."*

*Illi għalhekk fil-fehma tat-Tribunal, il-Kummissarju intimat meta jiġi biex joħroġ rifjut abbażi tal-interess pubbliku m'għandux neċessarjament jikkonċentra l-konsiderazzjonijiet tiegħu esklussivament fuq il-fedina penali tal-applikant.*

*F'ċerti ċirkostanzi, speċjalment fejn ikunu għaddew numru ta' snin minn meta persuna tkun xellfet difrejha l-aħħar mal-ġustizzja, ikun għaqli li jiġu evalwati wkoll iċ-ċirkostanzi preżenti tal-applikant biex b'hekk il-Kummissarju intimat ikollu stampa iktar ċara ta' x'għamel l-applikant minn meta twettqu r-reati sal-ġurnata tal-eżami tal-applikazzjoni. Fil-fehma tat-Tribunal, jekk persuna tiżbalja m'għandhiex tiġi kkunsidrata awtomatikament ta' theddida għall-interess pubbliku u li għalhekk m'għandhiex tiġi fdata bil-liċenzja de quo fl-interess pubbliku. Madankollu, it-Tribunal japprezza illi kull każ irid jiġi kkunsidrat fuq il-merti tiegħu. Pero` fil-każ preżenti, in vista li għaddew numru konsiderevoli ta' snin minn meta ġie mwettaq l-aħħar reat, u in vista li jidher, għallinqas minn dak li xehed ir-rikorrent, martu u Stephen Zammit, illi r-rikorrent għandu ħajja stabbli u jagħmel li jista' biex joqgħod 'il bogħod mill-inkwiet, huwa rakkomandat li l-Kummissarju intimat ma jistriehx unikament fuq il-fedina penali tar-rikorrent biex jasal għad-deċiżjoni tiegħu jekk kienx fl-interess pubbliku jew le li r-rikorrent jingħata l-liċenzja de quo. La darba l-Kummissarju intimat kellu diskrezzjoni tant wiesgħa x'jeżerċita, fil-fehma tat-*

*Tribunal, f'dan il-każ kellu jeżercitaha wara li jqis iċ-ċirkostanzi kollha preżenti tar-rikorrent u jevalwa jekk wara li r-rikorrent fil-passatt ikkommetta r-reati elenkati iktar 'il fuq kienx għamel sforz sabiex jimxi 'l quddiem bil-ħajja tiegħu. Fil-fehma tat-Tribunal ma jfissirx illi għax persuna tkun żbaljat numru ta' snin ilu, jekk hija tagħmel sforz biex ittejjeb ħajjitha, u jirnexxielha, din tibqa' kkunsidrata bħala xi theddida għas-soċjeta`. Illi t-Tribunal jirrileva illi l-Kummissarju intimat ma ta ebda raġuni lil dan it-Tribunal kif huwa ħass li ma kienx fl-interess pubbliku li joħroġ il-liċenzja de quo, lanqas ma ressaq 'il quddiem xi preokkupazzjoni konkreta li rriskontra fl-evalwazzjoni tiegħu, għajr li straħ fuq dak li rriżultaltu mis-sentenzi, liema sentenzi del resto ma tantx fihom dettall taċ-ċirkostanzi li sawwru l-inċidenti individwali stante li l-imputat f'kull ċirkostanza għażel li jirreġistra ammissjoni.*

*Illi għaldaqstant it-Tribunal iqis li d-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat għandha tiġi annullata sabiex isir eżerċizzju mill-ġdid tal-istess fid-dawl ta' dak li ntqal iktar' il fuq."*

Dan it-Tribunal hekk kif diversament ippresedut fil-31 ta' Jannar, 2023 Rikors Numru 69/2021 fl-ismijiet Raymond Mifsud Vs Kummissarju tal-Pulizija qal:

*"Illi sorvolata din il-materja, it-Tribunal se jinvesti l-aggravju l-ieħor imqajjem mirrikorrent, u cioe`, li l-Kummissarju intimat wasal għad-deċiżjoni appellata unikament billi straħ fuq il-fedina penali tar-rikorrent. Ir-rikorrent jisħaq illi l-Kummissarju intimat kellu jmur oltre minn hekk u jagħmel evalwazzjoni vera u proprja tal-karattru tar-rikorrent u dan kif anke ġie suġġerit minn dan it-Tribunal f'diversi sentenzi li ppronunzja dwar il-materja meta l-Kummissarju intimat jiġi biex jiddeċiedi jagħtix jew le liċenzja ta' gwardjan privat.*

*Min-naħa l-oħra l-Kummissarju intimat saħaq illi hawn non si tratta ta' liċenzja ta' gwardjan privat imma liċenzja biex ir-rikorrent jikseb awtorizzazzjoni jżomm filpussess tiegħu armi u munizzjon. Id-difensur tal-Kummissarju intimat saħaq illi l-fedina penali tar-rikorrent turi li l-istess rikorrenti kemm-il darba wettaq reati li jolqtu s-sigurta` pubblika.*

*Illi t-Tribunal fela l-fedina penali tar-rikorrent u dana stante li din kienet il-bażi tar-rifjut tal-Kummissarju intimat, minn liema fedina jirriżulta li r-rikorrent instab ħati ta' diversi reati minn meta kellu tmintax-il sena. Ir-reati li tagħhom instab ħati huma varji, fosthom:*

*i. Ksur tal-paċi pubblika;*

*ii. Feriti ħfief fuq 4 persuni f'ħames inċidenti separati;*

*iii. Numru ta' reati minuri relatati mal-attivita` kummerċjali tiegħu;*

*iv. Theddid fuq uffiċjal pubbliku;*

*v. Diversi reati in konnessjoni mal-obbligu tar-rikorrent li jħallas il-VAT;*

*vi. Ingaġġ ta' ħaddiem mingħajr id-debita reġistrazzjoni mal-Korporazzjoni taxXogħol u Taħriġ;*

*vii. Sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja.*

*Illi l-aħħar reat imwettaq mir-rikorrent kien ċirka sitt snin ilu. Pero` minn dak li xehdet l-Ispettur Sciberras kien hemm żewġ rapporti fl-2019 fejn f'każ minnhom ġie rrapurat li r-rikorrent ikkawża feriti ħfief fuq terz, però l-partijiet irrinunzjaw reċiprokament għal kwalunkwe kwerela stante li ttransiġew il-pendenza bejniethom, mentri fil-każ l-ieħor ir-rikorrent ġie akkużat b'inġurji u theddid però l-kwerelant irrinunzja għall-azzjoni kriminali.*

*Illi għalhekk l-eżerċizzju li jrid jagħmel dan it-Tribunal huwa li jissindika jekk il-Kummissarju intimat, rinfaċċjat b'dan il-kwadru, wasalx għal deċiżjoni raġjonevoli fiċ-ċirkostanzi jew le.*

*Illi t-Tribunal jirrileva illi huwa dmir tal-Istat li jissalvagwardja l-ordni pubbliku u biex jagħmel dan jista' jillimita xi drittijiet tal-individwu, jekk l-eżerċizzju tal-istess drittijiet ipoġġu f'riskju reali u konkret id-disturb tal-istess ordni. Fil-każ ta' l-użu u ż-żamma tal-armi, l-Istat afda f'idejn il-Kummissarju intimat id-diskrezzjoni totali dwar l-għoti tal-liċenzji għal dan l-iskop.*

*Illi mingħajr tlaqliq dan it-Tribunal jirrileva illi l-fedina penali tar-rikorrent hija waħda pjuttost kulurita. Pero` dan it-Tribunal mhux ha jillimita ruħu għall-kwantita` ta' sentenzi li ngħataw fil-konfront tiegħu, għaliex iktar minn kollox irid jevalwa l-mertu tal-istess sentenzi.*

*Illi l-fedina penali tar-rikorrent turi li r-rikorrent kien involut f'iktar minn okkażjoni waħda f'inċidenti fejn ikkawża feriti ħfief fuq terzi. Illi għalkemm f'uħud minn dawn l-episodji r-rikorrent jgħid li kien hemm element ta' provokazzjoni da parti tal-istess terzi, il-fatt jibqa' li l-feriti ġew inflitti fuq it-terzi. Lanqas dan it-Tribunal ma jista' jinjora t-theddid fuq infermiera fl-2002. Illi filwaqt li t-Tribunal jifhem illi r-reati elenkati iktar 'il fuq ġew imwettqa numru ta' snin ilu, ċertament ma jistax jinjorahom għaliex ipinġu stampa kemmxejn imwiegħra tal-karattru tar-rikorrent. Għalkemm ir-rikorrent ipproduċa xhieda li tawh affidabilita`, ħadd minnhom ma kien konxju tal-istorja li turi l-fedina penali tiegħu. Filwaqt li dan it-Tribunal japprezza illi r-rikorrent jista' jkun li għandu l-karattru deskritt mix-xhieda prodotti minnu, madanakollu fejn jidħlu liċenzji ta' armi tan-nar irid ikun kawt ħafna għaliex hawn si tratta dwar is-sigurta` ta' terzi. Kwindi, meta l-Kummissarju tal-Pulizija jiġi biex iwieżen l-interessi tal-applikant li jottjeni l-liċenzja de quo versu l-interessi tas-sigurta` tat-terzi huwa raġjonevoli li jiżen sew dak li turi l-fedina penali tiegħu. Sfortuntament il-fedina penali tar-rikorrent timmilita kontra tiegħu u bħall-Kummissarju intimat, dan it-Tribunal, huwa tal-fehma illi tenut kont tal-preċedentipenali tiegħu, ir-rikorrent m'għandux jingħata l-liċenzji mitluba. Kuntrarjament għal dak enunċjat minn dan it-Tribunal f'diversi sentenzi ċitati mid-difensur tar-rikorrent fit-trattazzjoni orali tiegħu, f'dan il-każ il-Kummissarju intimat ma kellux għalfejn iħares oltre l-fedina penali tar-rikorrent. Dana għaliex l-ewwel u qabel kollox, kif ingħad iktar 'il fuq, hawn non si tratta ta' liċenzja biex wieħed jaħdem ta' gwardjan privat, kif kien il-*

*każ tas-sentenzi ċitati, iżda hawn si tratta ta' liċenzja li tippermetti ż-żamma u l-użu ta' armi. Illi fl-opinjoni tat-Tribunal ma jistax isir tqabbil bejn liċenzja ta' gwardjan privat u l-liċenzja de quo.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal iqis li l-Kummissarju intimat eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b'mod raġjonevoli."*

**Ikkunsidra:**

Fl-isfond ta' din il-ġurisprudenza, dan it-Tribunal iqis li l-Kummissarju intimat għandu responsabbilita' kbira fuqu għal dak li għandu x' jaqsam il-ħruġ ta' liċenzja ta' gwardjan privat u dana b' mod partikolari meta jittieħed in konsiderazzjoni d-dmirjiet u responsabbilitajiet li għandhom il-gwardjani privati. Kif qal ben tajjeb dan it-Tribunal hekk kif diversament ippresedut fl-14 ta' Lulju 2022 fir-Rikors Numru 101/2021 fl-ismijiet Shilo Curmi vs Il-Kummissarju tal-Pulizija:

*"It-Tribunal jara d-diskrezzjoni tal-Kummissarju intimat bħala miżien fejn f'keffa minnhom hemm l-interess pubbliku u fil-keffa l-oħra hemm id-dritt li persuna tiġi konċessa lilha l-liċenzja in kwistjoni. Biex wieħed isib bilanċ jista' jkun eżerċizzju diffiċli u delikat. Ħafna drabi, każijiet simili, jaslu quddiem dan it-Tribunal għaliex proprju il-keffa tal-interess pubbliku tingħata aktar piż mid-dritt tal-individwu li jottjeni l-liċenzja in kwistjoni u l-eżerċizzju li dan it-Tribunal irid jagħmel huwa li jara jekk dak il-piż li ngħata lill-interess pubbliku kienx wieħed ġustifikat fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ."*

Illi t-Tribunal, jifhem li żball tal-passat, sakemm wieħed jagħraf li żbalja u jiddispjaċih għal tali żball, m'għandux iżommu milli jkompli b'ħajtu. B'dana kollu t-Tribunal m'hu qed inaqqas xejn mill-gravita` tar-reati li wettaq ir-rikorrent. Madanakollu, dan it-Tribunal irid jagħrbel il-provi li tressqu quddiemu sabiex jevalwa jekk nġabux xi provi konkreti da parti tal-Kummissarju intimat li r-rikorrent jista' jkun ta' xi theddida għall-interess pubbliku.

It-Tribunal fela l-provi prodotti, fosthom il-fedina penali tar-rikorrenti. Sema' li r-rikorrenti kien jaħdem bħala kuntistabbli tal-pulizija u sussegwentement laħaq surġent tal-pulizija. Irriżulta li dan dam 25 sena fil-korp tal-pulizija. Ma rriżultax li r-rikorrenti ġie f' xi żmien sospiż jew imkeċċi mill-korp tal-pulizija. Ir-rikorrenti xehed ukoll fir-rigward tal-każ li kien tressaq dwaru fejn bil-ġurament tiegħu sostna li huwa kien rieqed meta sema' storbju fuq il-bejt tad-dar tiegħu u xħin tela' jsib żewġ persuni viċin ix-xaft li kienu ser jinżlu ġol-post tiegħu. Dan il-każ seħħ meta r-rikorrenti kien għadu pulizija, iżda ż-żewġ sentenzi li ġew mogħtija ngħataw wara li r-rikorrenti kien ħareġ mill-korp tal-pulizija.

Illi dan it-Tribunal meta jqis iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, u l-fatt li meta seħħ dan l-inċident, ir-rikorrenti kien pulizija, iqis li teżisti ċirkostanza oġġettiva li tqajjem f' moħħu alarm jew dubbju li r-rikorrenti jista' jipperikola l-benessere tal-pubbliku. Għalkemm it-Tribunal jemmen li r-rikorrent għandu jingħata l-opportunita' li jkompli jimxi 'l quddiem b' ħajtu, it-Tribunal ma jqisx li xħin jevalwa l-fatti hekk kif jirriżultaw mill-kopji tas-sentenzi

ppreżentati fl-atti proċesswali, jista' jkollu fiduċja fir-rigward tar-rikorrenti. Xħin dan it-Tribunal ġie biex iwieżen l-interessi tal-applikant li jottjeni l-liċenzja de quo versu l-interessi tas-sigurta` tat-terzi, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li tenut kont tal-fedina penali tar-rikorrenti u ċ-ċirkostanzi konċernanti dan l-istess każ meħud fid-dawl li f' dak iż-żmien l-istess rikorrenti kien uffiċċjal tal-pulizija, jimmilita kontra l-istess rikorrenti li jottjeni l-liċenzja ta' gwardjan privat.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi qed jiċħad l-appell tar-rikorrenti filwaqt li jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju ta' l-intimat safejn kompatibbli ma' dak hawn deċiż.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

(ft) Dr. Simone Grech
President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

02.06.2023 – TRA2.2021 – Lawrence Gabriele vs Kummissarju tal-Pulizija
3905